# Qorti tal-Magistrati (Malta)

**Rikors Nru.: 44/71 CSH**

**Doris Grima (I.D. 251063M)**

**Vs**

**Karl Heinrich Muscat**

**Illum 10 ta' Mejju, 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Doris Grima fil-15 ta' Frar 2017 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt elef Ewro (€6000) debitament mislufa lilu brevi manu, liema somma huwa naqas li jhallas lura minkejja li gie nterpellat ghall-hlas tal-istess somma.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 25 ta' Frar 2016 kontra l-intimat, li jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien notifikat bir-rikors promoter fil-25 ta' Frar, 2017 u dan skond it-timbru fuq ir-riferta tal-Marixxal Mario Mizzi datata 28 ta Frar 2017 (fol.4 tergo).

Rat illi fis-seduta tas-26 ta April 2017 deher il-konvenut Karl Heinrich Muscat u kkonferma li effettivament verament kien issellef is-somma mitluba mill-attrici fir-rikros promotur taghha  pero' ma setax ihallasha lura f'daqqa ghaliex ma kellux minn fejn.  Huwa ammetta li kellu jhallasha l-istess somma mitluba minnha fir-rikors promtour taghha .

Ghaldaqstant din il-Qorti ssib li t-talba tal-attrici hija gustifikata u ghandha tigi milqugha.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba tal-attrici b'dan illi qed tikkundanna lill-konvenut ihallasha is-somma mitluba fir-rikors promotur fl-ammont ta' sitt elef Ewro (€6000).**

**Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tal-25 ta' Gunju 2016. L-imghax ghandu jiddekorri mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficcjali.**

Dott. C. Scerri Herrera LL.D.

Magistrat

Marbeck Spiteri

Deputat Registratur